MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 505/2005

**BAM ! Ltd (C22125)**

**vs**

**MaltaTel Limited (C 33973)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mija u disgha u sebghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm3,179.24), liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal Lm875.29 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura numru 31605 datata 1 ta' Marzu 2005, (b) kwantu ghal Lm11.80 skond fattura numru 31645 datata 9 ta' Marzu 2005, (c) kwantu ghal Lm458.43 skond fattura numru 31684 datata 1 ta' April, 2005, (d) kwantu ghal Lm458.43 skond fattura numru 31708 datata 2 ta' Mejju, 2005, (e) kwantu ghal Lm458.43 skond fattura numru 31752 datata 1 ta' Gunju, 2005 u (f) kwantu ghal

Lm458.43 skond fattura numru 31808 datata 1 ta’ Lulju 2005 u (g) kwantu ghal Lm458.43 skond fattura numru 31884 datata 3 ta’ Awissu 2005, dan kollu dwar servizzi ta’ reklamar u VAT relattiv (ara Dok. “A” sa “H” annessi).

Bl-ispejjez tal-prezentata ta’ l-Avviz ghas-smigh, ta’ l-ittra nterpellatorja datata 23 ta’ Settembru, 2005 (kopja Dok. “I” annessa), u tal-Mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u bl-imghaxijiet mid-dati tal-hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socejta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-24 ta’ April, 2006, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------